C/2025/2760

14.5.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11818 — INTERPARKING/SABA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/2760)

1. Fil-5 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Interparking S.A. ("Interparking", il-Belġju), ikkontrollata minn Ageas SA, (il-Belġju),

— Saba Infraestructuras, S.A. ("Saba", Spanja), attwalment ikkontrollata minn Criteria, (Spanja).

Interparking se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Saba kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Interparking hija kumpanija ta' Interparking Group, li hija attiva fid-disinn, il-kostruzzjoni u l-ġestjoni ta' parkeġġi pubbliċi bi ħlas fit-triq u mhux fit-triq. Għandha preżenza fl-Awstrija, fil-Belġju, fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Italja, fin-Netherlands, fil-Polonja, fir-Rumanija u fi Spanja,

— Saba hija l-kumpanija azzjonarja ta' Saba Group, li hija attiva fil-ġestjoni tal-parkeġġi pubbliċi bi ħlas. Għandha preżenza f'Andorra, fiċ-Ċili, fir-Repubblika Ċeka, fil-Ġermanja, fl-Italja, fil-Portugall, fis-Slovakkja, fi Spanja u fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11818 — INTERPARKING / SABA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").